MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Numru. 490/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**vs**

**Charlene Mizzi**

Il-Qorti:

Rat li l-imputata Charlene Mizzi ta’ 23 sena bint Emanuel u Carmen nee’ Zammit, imwielda il-Pieta` fl-10 ta’ Gunju, 1982 u residenti Blokk A1 Flat 9, Housing Estate, Triq id-Duluri, Pieta’ u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 320382 (M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:-

F'dawn il-Gzejjer nhar l-4 ta' Marzu 2006 ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar (13.45hrs), gewwa ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, u kif ukoll fil-vicinanzi: -

1. Volontarjament, hassret, ghamlet jew gharqet hwejjeg haddiehor, u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAG517 tal-ghamla Audi ghad-dannu ta' Stefania Aquilina u Anthony Aquilina, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500, u dan bi ksur ta' artikoli 325 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Volontarjament, hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, u cioe nuccali tax-xemx tal-ghamla Roberto Cavalli ghad-dannu ta' Stefania Aquilina, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500, u dan bi ksur ta' artikolu 325 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Uzat kliem ta' theddid fil-konfront ta' Stefania Aquilina u dan bi ksur ta' artikolu 249 (2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Hebbet kontra Stefania Aquilina sabiex tingurjaha, iddejaqha u taghmlilha hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339 (1) (d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338 (dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Mejju 2006 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jgu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2006 l-imputata wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fl-4 ta’ Marzu 2006 ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta’ wara nofsinhar fil-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan bejn Stefania Aquilina u l-imputata fejn l-imsemmija Stefania Aquilina qed tallega li l-imputata volontarjament ikkagunatilha hsara fil-vettura li kienet qed issuq (tal-marka Audi bin-numru tar-registrazzjoni EAG 517 u liema vettura hija propjeta’ ta’ missierha Anthony Aquilina izda tintuza minnha), kif ukoll li kkagunatilha hsara volontarja fin-nuccali tax-xemx li kienet liebsa. L-imputata tinsab akkuzata wkoll li uzat kliem ta’ theddid fil-konfronti ta’ Stefania Aquilina, li hebbet kontriha sabiex tingurjaha, iddejjaqha u taghmilha hsara kif ukoll bi ksur ta’ buon ordni u paci pubblika.

Stefania Aquilina li xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2006 qalet li fid-data in kwistjoni hija kienet qed tipparkja l-vettura taghha hdejn l-Andrew’s Bar fil-bajja ta’ San Gorg, San Giljan. Kien hemm parking space fejn tidhol vettura wahda bi sbrixx u waqt li kienet qed timmanuvra sabiex tipparkja laqtet bil-parti ta’ wara tal-vettura taghha l-vettura li kienet parkeggjata warajha fuq il-bumper ta’ quddiem. Din ix-xhud issostni li fil-pront gie xi hadd u beda jhabbat b’hafna sahha fuq il-hgiega ta wara tal-vettura taghha u hija bdiet tisma’ hafna kliem hazin u dagha. Stefania Aquilina tghid li hi ma rrisponditx izda bil-fixkla regghat laqtet il-vettura li kien hemm warajha. Hija gharfet lill-imputata bhala l-persuna li bdiet thabbat fuq il-vettura taghha u dik li bdiet tidghi u tkellimha hazin. Stefania Aquilina kompliet tghid li hija kellha t-tieqa tan-naha tas-sewwieq miftuha u l-imputata dahlet rasha fil-vettura taghha, qabditilha wiccha u faqatilha n-nuccali tax-xemx li kient liebsa u qabditha minn xaghrha. Hija tghid li fethet il-bieba sabiex timbottha lill-imputata l-barra mill-karozza taghha izda l-imputata

kompliet taghtiha d-daqqiet u fil-pront gew tlett irgiel li wkoll bdew jaghmlulha l-ponn ma wiccha u bdew izommu lill-imputata. Dejjem skond Aquilina dawn it-tlett irgiel bdew jghidulha sabiex ma tinzilx mill-vettura taghha u ma ssawwatx lill-imputata u mbaghad huma bdew iduru mal-vettura taghha u tghid li wara sabet il-vettura taghha b'hafna grif mal-genb u b'ghafsa mal-mudguard. Din ix-xhud l-ewwel qalet li ma ratx min kien ghamel il-brix fiil-genb tal-vettura taghha u l-ghafsa fil-mudguard tal-vettura taghha izda mbaghad qalet li rat lill-imputata mill-mera taghmel il-hsara fil-vettura taghha u taghti fuq il-mudguard izda qalet li ma rathiex taghmel il-grif pero' ziedet li dan il-grif dan kien fuq in-naha fejn kienet l-imputata u kienet din tal-ahhar li kellha ghaliha u mhux it-tlett irgiel. Stefania Aquilina qalet li marret taghmel rapport l-Ghassa ta' San Giljna fejn ikkonsenjat lis-Surgent li ha r-rapport misluta u nuccali tax-xemx li kienet halliet l-imputata meta dahlet rasha  fil-vettura taghha.

L-imputata irrilaxxjat stqarrija fis-17 ta' Marzu 2006 (esebita a fol. 18 u 19 tal-process) u xehdet fl-udjenza tal-1 ta Frar 2008 fejn bazikament tat verzjoni tal-fatti identika bhal dik moghtija fl-istqarrija. L-imputata spjegat li hija kellha l-vettura taghha parkeggjata fil-bajja ta' San Gorg u meta kienet fuq il-bankina man-naha l-ohra tat-triq rat lill-imputata li kienet qed issuq vettura ta' kulur iswed diehla fil-vettura taghha waqt li qed timanuvra sabiex tipparkeggja u hija ghalhekk qaltilha 'taf li qed tolqot il-vettura tieghi'.  L-imputata tghid li s-sewwieqa l-ohra bdiet tidghi u meta hija qasmet man-naha l-ohra tat-triq sabiex tara xi hsara kellha fil-vettura taghha, din fethet il-bieba tal-vettura fuq l-imptuata u laqtitha u mbaghad hatfitilha xaghrha u dahlitilha rasha fil-vettura u bdiet taghtiha daqqiet ta' sieq bit-takkuna taz-zarbun fl-istonku. F'dan l-istadju ll-imputata tghid li gew zewgt irgiel li qalghu idejn il-mara l-ohra minn ma xaghar l-imputata u bdew jghidu lil din il-mara 'kemm inti kiesha'  L-imputata tghid li malli dawn l-irgiel qalawlha xaghrha minn ma idejn l-imputata hija cemplet lil habiba taghha sabiex tigi ghaliha ghaliex ma felhitx isuq u telqet 'l hemm. Hija cahdet li kienet ghamlet xi hsara fil-vettura ta' Stefania Aquilina jew li kienet kisritilha n-nuccali tax-xemx. Hija tghid li kellha

hsara fil-vettura taghha fejn Aquillina baqghet diehla fiha u kellha wkoll it-top u l-jeans imqattghin izda peress li l-hsara fl-vettura taghha kienet minima ma qaghditx tfittex ghal din il-hsara.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament differenti u opposti dwar l-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza u hija tal-fehma li filwaqt li l-imputata kienet kostanti f'dak li qalet u tat l-istess verzjoni kemm meta irrilaxxjat l-istqarrija a tempo vergine kif ukoll meta xehdet f'dawn il-proceduri l-istess ma jistax jinghad ghall-verzjoni moghtija minn Strefania Aquilina, il-Qorti irriskontrat diskrepanzi f'dak li xehdet Stefania Aquilina. Din tal-ahhar fil-fatt l-ewwel donna qalet li kienu t-tlett irgiel li marru sabiex iferquhom li kkawzaw il-hsara fil-vettura taghha u mbaghad ikkoregiet ruhha u qalet li rat lill-imputata mill-mera tikkaguna hsara fil-mudguard tax-xellug u qalet li l-hsara fil-vettura taghha kienet fin-naha fejn kien hemm l-imputata. Il-Qorti li semghat lil din ix-xhud tiddeponi viva voce jidrilha li l-istess xhud ma kienitx kredibbli f'dak li kienet qed tghid.

Irid jinghad inoltre li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata giet kompletament korroborata mix-xhud tad-Difiza Kevin Chircop li kien fuq il-post ghaliex jahdem f'bar fil-lokalita' u nzerta kien qed iservi xi nies fuq barra u ra l-incident isehh u mar flimkien ma xi klijenti li kien qed iservi sabiex iferraq lil Stefania Aquilina minn mal-imputata.

Il-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt evidenti ta' provi f'din il-kawza u dan il-kunflitt ovvjament iqanqal dubju dwar dak li effettivament gara, liema dubju ghandu jimmilita favur l-imputata.

Ghal dawn il-motivi, minhabba kunflitt ta' provi, l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------